MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 88/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Rita Maggi (K.I. 84703L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett mija, tmienja u tmenin ewro u wiehed u disghin centezmu (€388.91) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizz kont numru 21445404 (AC40099524) moghti mis-socjeta’ attrici u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati bhala ‘Dok A’, ‘Dok B’ u ‘Dok C’.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis-27 t’Ottubru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------